

Brussell, 19 ta' Mejju 2017  
(OR. en)

9271/17

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2016/0014 (COD)**

---

ENT 128  
MI 425  
CODEC 830

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	8646/17 ENT 109 MI 361 CODEC 684
Nru dok. Cion:	5712/16 ENT 20 MI 45 CODEC 103
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (L-ewwel qari) - Approċċ ġenerali

---

**I. INTRODUZZJONI**

1. Fit-28 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni baġtet il-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jirrevedi l-qafas legali għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, li jinsab fid-Direttiva Kwadru 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jeħtieġ li r-reviżjoni titqies fl-isfond tat-teknoloġiji ġodda disponibbli fis-suq u wkoll fil-kuntest tal-għajriet ta' dan l-aħħar li jikkonċernaw l-irregolaritajiet tad-data dwar l-emissjonijiet mill-karozzi. Il-proposta tal-Kummissjoni tindirizza wkoll id-difetti li nstabu f'“kontroll tal-idoneità” tal-leġislazzjoni attwali, li l-Kummissjoni għamlet fl-2013. Għaldaqstant, il-proposta tipprova wkoll tneħħi d-differenzi possibbli fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip u s-servizzi tekniċi nazzjonali.

Ir-reviżjoni tal-qafas legali attwali għandha rabta qawwija mal-pakkett regolatorju tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (ESR), peress li l-pakkett jindirizza wkoll, fost l-oħrajn, il-problema tal-irregolaritajiet fl-emissjonijiet mill-karozzi.

3. Ir-Regolament propost iżomm l-għan tad-Direttiva 2007/46/KE, jiġifieri l-faċilitazzjoni tal-moviment liberu tal-vetturi bil-mutur u l-karrijiet fis-suq intern u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku, billi jistipula rekwiżiti armonizzati tal-approvazzjoni tat-tip. L-għan huwa li jinkiseb livell adegwat ta' sikurezza u prestazzjoni ambjentali tal-vetturi bil-mutur u li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ewlenin identifikati fis-sistema eżistenti tal-approvazzjoni tat-tip. Għaldaqstant, il-biċċa l-kbira tal-elementi tad-Direttiva 2007/46/KE ġew inklużi fir-Regolament propost. Ġew introdotti bidliet sostanzjali fl-oqsma li ġejjin:

- It-titjib tal-kwalità tal-kontrolli li jippermettu li karoza titqiegħed fis-suq permezz tat-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw is-servizzi tekniċi;
- L-introduzzjoni ta' sistema effettiva ta' sorveljanza tas-suq biex tikkontrolla l-konformità tal-karozzi diġà disponibbli fis-suq, bil-possibbiltà għall-Istati Membri u l-Kummissjoni li jagħmlu kontrolli għal għarrieda fuq vetturi sabiex isibu n-nuqqasijiet ta' konformità fi stadju bikri;

- It-tisħiħ tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip b' supervizzjoni Ewropea akbar fil-proċess tal-approvazzjoni tat-tip, b' mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' Forum biex tinqasam l-informazzjoni dwar l-infurzar, magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq.
- 4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Mejju 2016 .
- 5. Fil-Parlament Ewropew il-kumitat responsabbli ewlieni huwa l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO). Ir-relatur huwa s-Sur Daniel Dalton (ECR-UK). L-IMCO vvota dwar ir-rapport tiegħu fid-9 ta' Frar 2017. Dan il-vot ġie kkonfermat fil-Laqgħa Plenarja tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' April 2017.

## **II. ĦIDMA MWETTQA FIL-KUNSILL**

- 6. L-eżami tal-proposta mill-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) beda fi Frar 2016. Saru 25 laqgħa ta' dan il-Grupp ta' Ħidma dwar din il-proposta matul il-Presidenza tan-Netherlands, dik Slovakka u dik Maltija.
- 7. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja lil din il-proposta ġiet eżaminata fid-dettall fid-9 u l-21 ta' Marzu 2016, b'attenzjoni speċjali mogħtija lil aspetti li għalihom id-delegazzjonijiet talbu aktar kjarifiki. Fuq il-bażi ta' tweġibiet għal-lista ta' kontroll ġew identifikati wkoll ċerti kwistjonijiet speċifiċi li kienu jeħtieġu attenzjoni partikolari u diskussjoni fil-fond.
- 8. Fil-Kunsill Kompetittività fit-28 ta' Novembru 2016, il-Presidenza ppreżentat nota ta' informazzjoni taħt "Affarijiet Oħrajn". Din ġiet segwita minn diskussjoni politika u l-preżentazzjoni ta' Rapport ta' Progress fil-Kunsill Kompetittività fl-20 ta' Frar 2017.

9. Hemm appoġġ ġenerali mill-Istati Membri għall-għanijiet ġenerali tal-proposta, jiġifieri li ttejjeb il-qafas li jirregola l-moviment liberu tal-vetturi bil-mutur fis-suq intern billi jiġu indirizzati d-dgħufijiet tal-qafas legali eżistenti għall-approvazzjoni tat-tip. Id-delegazzjonijiet kollha jaqblu li huwa meħtieġ li titjeb l-implimentazzjoni armonizzata tar-regoli madwar l-UE sabiex jitnaqqsu d-differenzi li jista' jkun hemm fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' tagħhom mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip u s-servizzi tekniċi nazzjonali. Huma ġeneralment iqisu wkoll li għandhom jiġu applikati regoli aktar effettivi ta' sorveljanza tas-suq biex tinstab aħjar in-nuqqas ta' konformità fi stadju bikri.
  10. Matul id-diskussjonijiet fuq il-livell tal-grupp ta' ħidma u fuq il-bażi tal-iskambju politiku li sar fuq il-livell tal-Kunsill, il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza evolviet konsiderevolment fid-dawl tat-tħassib imqajjem mill-Istati Membri. B' mod ġenerali, il-Grupp ta' Ħidma eżamina t-test bil-ħsieb li jiċċara u jissimplifika l-qafas propost. Għadd ta' dispożizzjonijiet tekniċi ġew emendati u kkomplementati fejn meħtieġ, filwaqt li diversi atti delegati proposti mill-Kummissjoni ġew mibdula f'atti ta' implimentazzjoni.
  11. L-eżitu tal-Plenarja tal-Parlament Ewropew fl-4 ta' April 2017 ġie eżaminat mill-Grupp ta' Ħidma għall-ewwel darba waqt il-laqgħa tiegħu tas-27 ta' April 2017. Filwaqt li bosta emendi jistgħu jkunu aċċettabbli bħala tali jew fl-ispirtu, il-Grupp ta' Ħidma ddeċieda li kien meħtieġ aktar żmien biex isir eżami bir-reqqa tal-emendi tal-PE.
  12. It-test ta' kompromess tal-Presidenza, kif jinsab fid-dokument 8647/17, ġie diskuss fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER) fit-12 ta' Mejju 2017. Minn dan l-eżami rriżulta li l-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet issa jistgħu jaċċettaw il-kompromess tal-Presidenza, inkluża l-verżjoni riveduta tal-Artikolu 90 dwar multi amministrattivi. F'dan l-isfond, il-Presidenza kkonkludiet li l-kompromess għandu jiġi ppreżentat lill-Kunsill Kompetittività fid-29 ta' Mejju 2017, bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali.
- It-test ta' kompromess rivedut tal-Presidenza, kif inhu wara l-COREPER tat-12 ta' Mejju 2017, jinsab fid-dokument 9272/17.

### III. KWISTJONIJIET POLITIĊI EWLENIN

13. It-test ta' kompromess tal-Presidenza jirrifletti l-isforzi kontinwi tal-Presidenza u tal-Istati Membri biex isibu l-bilanċ it-tajjeb bejn l-interessi u l-oġettivi differenti. Għaldaqstant, il-Presidenza tqis dan it-test ta' kompromess bħala bażi soda biex jintlaħaq approċċ ġenerali fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Kompetittività fid-29 ta' Mejju 2017. Il-kompromess tal-Presidenza jindirizza l-punti ta' tħassib ewlenin identifikati mill-Istati Membri billi jimmodifika l-proposta tal-Kummissjoni kif ġej:

**a) Regoli dwar is-sorveljanza tas-suq (Artikolu 8 u Premessi 23, 23a, 23b, 23c u 24)**

Il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza dwar l-Artikolu 8 issib bilanċ bejn it-tiżiħ tar-regoli tas-sorveljanza tas-suq permezz tal-impożizzjoni ta' għadd minimu ta' kontrolli fuq vetturi kull sena, minn naħa, u l-preservazzjoni ta' biżżejjed flessibbiltà għal Stati Membri iżgħar li jżommu l-possibbiltà li jitolbu lil Stati Membri oħrajn iwettqu t-testijiet meħtieġa f'isimhom, min-naħa l-oħra.

**b) Verifika tal-konformità mill-Kummissjoni (Artikolu 9)**

Il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza tippredvi għall-iskop tal-verifika tal-konformità li l-Kummissjoni żżomm il-possibbiltà li torganizza u twettaq it-testijiet u l-ispezzjonijiet tagħha stess ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati mqegħdin fis-suq, sabiex minnufih ikun hemm reazzjoni għal irregolaritajiet, jekk ikun meħtieġ. Għalhekk, it-test tal-Presidenza jżid il-livell ta' indipendenza fil-verifika tal-konformità.

**c) Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar (Artikolu 10 u premessa 19)**

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi l-ħolqien ta' Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar. It-test tal-Presidenza jibni fuq il-proposta tal-Kummissjoni, jistipula li l-Forum għandu jkollu rwol konsultattiv u jkompli jispeċifika l-lista ta' kompiti li għandhom jitwettqu mill-Forum.

**d) Struttura ta' tariffi nazzjonali għall-approvazzjonijiet tat-tip u r-regoli dwar is-sorveljanza tas-suq (Artikolu 30)**

Il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi obbligu għall-Istati Membri li jistabilixxu struttura ta' tariffi nazzjonali biex ikopru l-ispejjeż għall-attivitajiet tagħhom ta' approvazzjoni tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq. Il-kompromess tal-Presidenza jneħħi dan l-obbligu u jkompli jiċċara li hemm obbligu għall-Istati Membri li jiffinanzjaw attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, iżda li l-għażla tal-mezzi li għandhom jintużaw għal dan l-iskop għandha titħalla f'idejn l-Istati Membri.

**e) Validità taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip (Artikolu 33, paragrafu 1)**

Il-Kummissjoni tipproponi li l-validità taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tiġi limitata għal ħames snin. Maġġoranza kbira ħafna tad-delegazzjonijiet jiddubitaw il-valur miżjud ta' limitazzjoni bħal din u jinsistu li tinżamm is-sistema eżistenti mingħajr ebda limitazzjoni tal-validità. F'dan l-isfond, id-dispożizzjoni rispettiva tneħħiet mit-test ta' kompromess tal-Presidenza.

**f) Evalwazzjoni bejn il-pari tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip (Artikolu 71) u valutazzjoni tas-servizzi tekniċi (Artikolu 77 u premessa 18)**

Il-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi l-kunċett ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip. Meta jitqies il-fatt li l-Istati Membri kienu maqsuma bejn dawk li jarawha bħala kontribut għal aktar infurzar uniformi tar-regoli u dawk li ma jaċċettawhiex fuq il-bażi ta' piż amministrattiv mhux ġustifikat, it-test tal-Presidenza jsib bilanċ delikat. Huwa jipprevedi, għalhekk, li l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip m'għandhomx ikunu soġġetti għal evalwazzjoni bejn il-pari meta jagħżlu s-servizzi tekniċi tagħhom kollha fuq il-bażi ta' akkreditazzjoni bbażata fuq standards rikonoxxuti internazzjonalment.

Sa fejn huma kkonċernati s-servizzi tekniċi, it-test tal-Presidenza jipproponi l-involviment tal-korpi ta' akkreditazzjoni nazzjonali fil-valutazzjoni tas-servizzi tekniċi u t-twaqqif ta' timijiet ta' valutazzjoni konġunta. Hu joffri approċċ ibbilanċjat billi jagħmel din il-valutazzjoni konġunta obligatorja biss fiċ-ċirkostanzi rilevanti (filwaqt li jippermetti xi eżenzjonijiet għal servizzi tekniċi li jwettqu approvazzjonijiet nazzjonali ta' vetturi individwali u dawk li jivverifikaw biss l-installazzjoni korretta ta' komponenti fuq kategoriji O<sub>1</sub> u O<sub>2</sub>).

**g) Multi amministrattivi (Artikolu 90 u Premessa 42)**

Il-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi multi amministrattivi li l-Kummissjoni tista' timponi fuq operatori ekonomiċi għall-ksur tar-Regolament rigward in-nuqqas ta' konformità ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati. Wara l-pożizzjoni meħuda mill-Istati Membri fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER) tat-12 ta' Mejju 2017, il-Presidenza ppreżentat kompromess rivedut dwar l-Artikolu 90 li jipprovdi li l-Kummissjoni tista' timponi multi amministrattivi f'każijiet fejn il-Kummissjoni tiegħu azzjoni biex tistabbilixxi miżura korrettiva jew restrittiva fil-livell tal-UE. It-test rivedut jikkjarifika wkoll li multi amministrattivi ma jistgħux jiġu imposti mill-Kummissjoni jekk Stat Membru jkun diġà ppenalizza jew illibera l-operatur ekonomiku għall-istess ksur. Fl-aħħar nett, it-test jinkludi l-għoti ta' setgħa għal atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-proċeduri neċessarji kif ukoll il-prinċipji għall-kalkolu u l-għbir ta' multi, kif mitlub minn għadd ta' delegazzjonijiet.

#### IV. KONKLUŻJONI

14. Il-Presidenza tqis li t-test, kif jinsab fid-dokument 9272/17, jirrappreżenta kompromess ibbilanċjat u ġust bejn il-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet. Il-Kunsill huwa mistieden jaqbel dwar approċċ ġenerali abbażi ta' dan fil-Kunsill Kompetittività tad-29 ta' Mejju 2017.
-